# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Żammit)**

**vs**

**Vincent Sacco**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' Vincent Sacco detentur tal-karta tal-identita' 481346M li ġie mixli talli fit-23 ta' Marzu 2014 għal ħabta tal-16:00 f'Telgħet Raħal Ġdid, Paola : -

(a) inġurja, hedded jew għaml offiża fuq il-persuna ta' Marlon Abdilla u Erick Scicluna persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi skur tal-Artikolu 95 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) qal kliem jew uża espressjonijiet ta' dagħa fil-pubbliku u dan a tenur tal-Artikolu 342 tal-Kodiċi Kriminali

(c) kif ukoll li kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 339(dd) *(sic!)* tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ir-reati naxxenti mill-Artikoli 338(dd), 342 u 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u ċjoe dik kontemplata fl-Artikolu **338(dd)** tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Liġi l-elementi tar-reat de quo. Iċ-ċirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jiġi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ġew illustrati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġna 441):

> L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala

regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.

Bid-dovut rispett dawn l-estremi ma ġewx pruvati f'dan il-każ.

Illi kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ir-reat kontemplat fl-Artikolu 342 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt, minn qari ta' dan l-Artikolu jirriżulta li dan, *per se,* ma joħloqx reat kriminali iżda jispeċifika l-minimu u l-massimu tal-piena infliġġenda fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali meta l-espressjonijiet użati jkunu jikkonsistu f'"dagħa". Għalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirnexxi b'dan il-mod kif imfassal mill-Prosekuzzjoni.

Issa f'dan il-każ, mix-xiehda tal-parte civile quddiem din il-Qorti (għalkemm xorta deplorevoli) l-aktar li jista jirriżulta huwa li l-imputat stqarr kliem oxxen fil-pubbliku dirett lejhom u li semmai kien jintegra r-reat taħt l-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali u mhux dak kontestat

taħt l-Artikolu 342 tal-Kodiċi Kriminali (u dan stante li dan l-Artikolu ma jippreskrivi ebda reat *ut sic*). F'dan il-każ il-Qorti tqis li l-Artikolu 342 tal-Kodiċi Kriminali jikkwalifika r-reat impotizzat taħt l-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li d-dagħa huwa forma ossija speċi ta' kliem oxxen jew indeċenti jew li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika b'mod li jiġi punit b'mod aktar sever. Fid-dawl tas-segwenti sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali : -

(a) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mario Bezzina" deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2004 : - "ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi talakkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali"; u

(b) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Philip Chircop" deċiża nhar it-3 t'Ottubru 1997 intqal li "Il-Maġistrat jista, peress li, kif inhu paċifiku, iċ-ċitazzjoni fil-kawżi t'isfel mhix il-bażi essenzjali u assoluta tal-imputazzjoni, isib l-imputat ħati ta' reat ieħor ta' kompetenza inferjuri salv li jagħtih żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida (ara Il-Pulzija kontra Antonio Barbara deċiża minn din il-Qorti tal-Appell per Onor. Mhallef W. Harding fit-2 ta' Diċembru 1939 Kollez. Vol. XXX.IV.631),

din il-Qorti jidhrilha li tista ssib ħtija fl-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni fir-rigward tal-kliem oxxen li ġie pruvat li stqarr fil-konfront tal-parte civile.

Inoltre, l-Qorti tqis li l-ewwel reat kontestat ġie wkoll soddisfaċentement ippruvat sal-grad rikjest mill-Liġi. Il-kliem oxxen rivolt lejn il-parte civile mistqarr minnhom huwa biżżejjed biex jintegra dan ir-reat.

**<u>Għaldaqstant : -</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 95, 338(dd) u 342 tal-Kodiċi Kriminali:-

(a) filwaqt li ssib lill-imputat Vincent Sacco mhux ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena,

(b) issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni iżda peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' tnax il-xahar mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-Vincent Sacco bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum 2 ta' Frar 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Il-Maġistrat***
***Aaron M. Bugeja.***